VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,505, 27 ta' Novembru, 2015
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXIV tal-2015

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jawtorizza l-Gvern ta' Malta li jidħol fi ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni waqt il-perjodu transitorju qabel il-bidu fis-seħħ tar-Regolament dwar Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u biex jipprovdi għad-dħul fi ftehim finanzjarji jew oħra jew f'arranġamenti mal-parteċipanti fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni.

ACT No. XXXIV of 2015

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to authorise the Government of Malta to enter into the agreement on the transfer and mutualisation of contributions to the Single Resolution Fund during the transitional period before the entry into force of the Single Resolution Mechanism Regulation and to provide for the entering into financial or other agreements or arrangements with the participants of the Single Resolution Mechanism.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
President

27 ta' Novembru, 2015

ATT Nru XXXIV tal-2015

ATT biex jawtorizza l-Gvern ta' Malta li jidħol fi ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni waqt il-perjodu transitorju qabel il-bidu fis-seħħ tar-Regolament dwar Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u biex jipprovdi għad-dħul fi ftehim finanzjarji jew oħra jew f'arranġamenti mal-parteċipanti fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2015 dwar il-Parteċipazzjoni fil-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-għoti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Finanzi jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Ftehim" tfisser il-ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tal-Finlandja tal-14 ta' Mejju 2014, anness fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att;

"Malta" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Finanzi;

"Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni" tfisser il-mekkaniżmu stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti ta' investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni" tfisser il-fond stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti ta' investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"Mekkaniżmu Superviżorju Uniku" tfisser il-mekkaniżmu stabbilit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew rigward politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

Awtorità biex wieħed jipparteċipa fil-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni.

3. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta għandu jipparteċipa fil-Ftehim li għandu x'jaqsam mat-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni matul il-perjodu ta' transizzjoni qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, skont it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim, kif dan jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien, għall-għanijiet identifikati taħt is-subartikolu (2).

(2) Il-Ftehim jipprovdi għar-regoli u proċeduri uniformi għat-trasferiment ta' kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u biex isir użu mill-kompartimenti allokati lil Stati Membri parteċipanti fil-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni fi żminijiet meta jkun

VERŻJONI ELETTRONIKA

hemm kriżijiet fl-ekonomiji.

Ratifika tal-Ftehim.

4. Il-Gvern ta' Malta hu b'dan awtorizzat li jirratifika l-Ftehim.

Għoti ta' kontribuzzjonijiet waqt il-perjodu transitorju.

5. Kull kontribuzzjoni mogħtija mill-Gvern ta' Malta, lil hinn mill-għan speċifikat taħt l-artikolu 3(2), tista' ssir biss b'dak il-mod u għal dak il-għan kif il-Kamra tad-Deputati tista' diddeċiedi permezz ta' riżoluzzjoni.

Setgħa biex isiru regolamenti.

6. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jitwettqu l-obbligi li jinsabu fil-Ftehim.

Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi.

7. Il-Ministru għandu jidher għall-inqas darba fis-sena quddiem il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi jew quddiem kumitat ieħor tal-Kamra tad-Deputati li minn żmien għal żmien jista' jkollu l-kompitu tal-iskrutinju ekonomiku u finanzjarju tal-Gvern sabiex jingħata rendikont tal-operat tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni sa fejn dan ikun konformi mal-obbligi ta' Malta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

A 1362

SKEDA
(Artikolu 2)

FTEHIM
DWAR IT-TRASFERIMENT U L-MUTWALIZZAZZJONI
TAL-KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-FOND UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tal-Finlandja;

IMPENJAW RUĦHOM li jistabbilixxu qafas finanzjarju integrat fl-Unjoni Ewropea li tiegħu l-unjoni bankarja tikkostitwixxi parti fundamentali;

FILWAQT LI JFAKKRU fid-Deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-Istati Membri taż-żona tal-euro mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fit-18 ta' Diċembru 2013, rigward in-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehim intergovernattiv dwar il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Fond") stabbilit skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni* (ir-"Regolament MUR"), kif ukoll it-Termini ta' Referenza mehmużin ma' dik id-Deċiżjoni;

BILLI:

(1) Fil-passat l-Unjoni Ewropea addottat għadd ta' atti legali fundamentali għall-kisba tas-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u biex tiġi garantita l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro u tal-Unjoni kollha, kif ukoll għall-proċess lejn unjoni ekonomika u monetarja aktar profonda.

---

* Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni tal-Banek u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) F'Ġunju 2009, il-Kunsill Ewropew appella għall-istabbiliment ta' "ġabra unika Ewropea tar-regoli li tkun applikabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji kollha fis-Suq Uniku". Għalhekk l-Unjoni stabbilixxiet sett uniku ta' regoli prudenzjali armonizzati li l-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Unjoni kollha għandhom jirrispettaw, permezz tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

(3) L-Unjoni stabbilixxiet ukoll l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) li ngħataw għadd ta' kompiti rigward is-superviżjoni mikroprudenzjali. Dawn huma l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,**** l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***** u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill******. Dak kien akkumpanjat mill-istabbiliment tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) mir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill******* li ngħata xi funzjonijiet ta' superviżjoni makroprudenzjali.

(4) L-Unjoni stabbilixxiet Mekkaniżmu Superviżorju Uniku permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013********, li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) rigward politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, u li jikkonferixxi lill-BĊE, filwaqt li jaġixxi b'mod konġunt mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, setgħat ta' superviżjoni fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro li stabbilixxew kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE għal finijiet ta' superviżjoni ("l-Istati Membri parteċipanti").

** Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

*** Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

**** Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

***** Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

****** Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Permezz tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment********* ("id-Direttiva BRR"), l-Unjoni tarmonizza l-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali dwar ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti ta' investiment, inkluż l-istabbiliment ta' arranġamenti nazzjonali għall-finanzjament ta' riżoluzzjoni.

(6) Il-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2012 iddikjara li "F'kuntest fejn is-superviżjoni tal-banek effettivament titressaq lejn mekkaniżmu superviżorju uniku, ser ikun meħtieġ mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni, bis-setgħat meħtieġa biex jiżgura li kwalunkwe bank fl-Istati Membri parteċipanti jkun jista' jiġi riżolt bl-għodod adegwati.". Il-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2012 kompla jiddikjara li "Il-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni għandu jkun ibbażat fuq kontribuzzjonijiet mis-settur finanzjarju nnifsu u jinkludi arranġamenti ta' salvagwardja effettivi u adatti. Dan l-arranġament ta' salvagwardja għandu jkun newtrali f'termini ta' baġit fuq it-terminu medju, billi jiżgura li l-imposti *ex post* fuq l-industrija finanzjarja jagħmlu tajjeb għall-assistenza pubblika.". F'dak il-kuntest, l-Unjoni addottat ir-Regolament MUR li joħloq sistema ċentralizzata ta' teħid ta' deċiżjoni għal riżoluzzjoni, li jkollha l-mezzi ta' finanzjament adegwati permezz tal-istabbiliment tal-Fond. Ir-Regolament MUR japplika għall-entitajiet li jinsabu fl-Istati Membri parteċipanti.

(7) Ir-Regolament MUR jistabbilixxi, b'mod partikolari, il-Fond kif ukoll il-modalitajiet għall-użu tiegħu. Id-Direttiva BRR u r-Regolament MUR jistabbilixxu l-kriterji ġenerali għad-determinazzjoni tal-iffissar u l-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet *ex ante* u *ex post* tal-istituzzjonijiet li huma neċessarji għall-finanzjament tal-Fond, kif ukoll l-obbligu tal-Istati Membri li jimponuhom fil-livell nazzjonali. Madankollu, l-Istati Membri parteċipanti li jiġbru l-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjonijiet li jinsabu fit-territorji rispettivi tagħhom skont id-Direttiva BRR u r-Regolament MUR, jibqgħu kompetenti biex jittrasferixxu dawk il-kontribuzzjonijiet lejn il-Fond. L-obbligu tat-trasferiment tal-kontribuzzjonijiet miġbura fil-livell nazzjonali għall-Fond mhux derivat mid-dritt tal-Unjoni. Obbligu bħal dan ser jiġi stabbilit minn dan il-Ftehim li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li bihom il-Partijiet Kontraenti, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom, jaqblu b'mod konġunt li jittrasferixxu

---

******* Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

******** Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

********* Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

VERŻJONI ELETTRONIKA

l-kontribuzzjonijiet li huma jiġbru fil-livell nazzjonali għall-Fond.

(8) Il-kompetenza ta' kull wieħed mill-Istati Membri parteċipanti li jittrasferixxi l-kontribuzzjonijiet miġbura fil-livell nazzjonali għandha tiġi eżerċitata b'tali mod li jirrispetta l-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera ddikjarat fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), skont liema, l-Istati Membri għandhom, fost oħrajn, jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti tal-Unjoni u joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista' thedded l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li r-riżorsi finanzjarji jiġu diretti b'mod uniformi lejn il-Fond, b'hekk jiggarantixxu l-funzjonament tajjeb tiegħu.

(9) Għaldaqstant, il-Partijiet Kontraenti kkonkludew dan il-Ftehim li bih, fost oħrajn, huma jistabbilixxu l-obbligu tagħhom li jittrasferixxu l-kontribuzzjonijiet miġbura fil-livell nazzjonali lejn il-Fond, skont kriterji, modalitajiet u kondizzjonijiet uniformi, b'mod partikolari, l-allokazzjoni matul perjodu transitorju tal-kontribuzzjonijiet li huma jiġbru fil-livell nazzjonali f'kompartimenti differenti li jikkorrispondu għal kull Parti Kontraenti, kif ukoll il-mutwalizzazzjoni progressiva tal-użu tal-kompartimenti b'tali mod li l-kompartimenti ma jibqgħux jeżistu fi tmiem dak il-perjodu transitorju.

(10) Il-Partijiet Kontraenti jfakkru li huwa l-għan tagħhom li jippreservaw kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u li jimminimizzaw l-ispiża sħiħa ta' riżoluzzjoni għal dawk li jħallsu t-taxxa u ser jikkonsidraw il-piż kollu fuq is-setturi bankarji rispettivi fit-tfassil tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond u t-trattament tagħhom tat-taxxa.

(11) Il-kontenut ta' dan il-Ftehim huwa limitat għal dawk l-elementi speċifiċi li jikkonċernaw il-Fond li jibqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri. Dan il-Ftehim ma jaffettwax regoli komuni stabbiliti taħt il-liġi tal-Unjoni u lanqas ma jibdel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Huwa pjuttost imfassal biex jikkomplementa l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar ir-riżoluzzjoni bankarja u biex jappoġġja u jorbot intrinsikament mal-kisba tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari l-istabbiliment tas-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

(12) Il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva BRR, inkluż dawk relatati mal-istabbiliment ta' arranġamenti ta' finanzjament nazzjonali, jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2015. Id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-istabbiliment tal-Fond skont ir-Regolament MUR, fil-prinċipju, ser ikunu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2016. B'konsegwenza ta' dan, il-Partijiet Kontraenti ser jiġbru l-kontribuzzjonijiet indikati għall-arranġament ta' riżoluzzjoni nazzjonali ta' finanzjament li huma għandhom jistabbilixxu sad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament MUR, id-data li fiha huma ser jibdew jiġbru l-kontribuzzjonijiet indikati għall-Fond. Sabiex tiġi rinfurzata l-kapaċità finanzjarja tal-Fond sa mill-bidu tiegħu, il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom li jittrasferixxu fil-Fond il-kontribuzzjonijiet li jkunu ġabru permezz tad-Direttiva BRR sad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament MUR.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(13) Huwa rikonoxxut li jistgħu jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-mezzi disponibbli fil-Fond ma jkunux biżżejjed biex jiffaċċjaw azzjoni ta' riżoluzzjoni partikolari, u fejn il-kontribuzzjonijiet *ex post* li jkollhom jinġabru biex ikopru l-ammonti addizzjonali neċessarji ma jkunux minnufih aċċessibbli. Wara d-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-euro u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2013, sabiex jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti kontinwu matul il-perjodu transitorju, il-Partijiet Kontraenti kkonċernati minn azzjoni ta' riżoluzzjoni partikolari għandhom jipprovdu finanzjament interim (*bridge financing*) minn sorsi nazzjonali jew il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("MES") f'konformità ma' proċeduri eżistenti, inkluż l-istabbiliment ta' possibbiltajiet għal trasferimenti temporanji bejn il-kompartimenti nazzjonali. Il-Partijiet Kontraenti għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri li jippermettulhom jindirizzaw f'waqtu kwalunkwe talba għal finanzjament interim. Ser tiġi żviluppata garanzija ta' kontinġenza komuni matul il-perjodu transitorju. It-tali garanzija ta' kontinġenza ser tiffaċilita s-self mill-Fond. Fl-aħħar mill-aħħar is-settur bankarju ser ikun responsabbli għall-ħlas lura permezz ta' kontribuzzjonijiet fl-Istati Membri parteċipanti kollha, inklużi kontribuzzjonijiet *ex post*. Dawk l-arranġamenti ser jiżguraw trattament ekwivalenti fil-Partijiet Kontraenti kollha li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Superviżjoni u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, inkluż il-Partijiet Kontraenti li jingħaqdu fi stadju aktar tard, f'termini ta' drittijiet u obbligi u kemm fil-perjodu ta' transizzjoni kif ukoll fl-istat kostanti. Dawk l-arranġamenti msemmija ser jirrispettaw kondizzjonijiet ugwali mal-Istati Membri li ma jipparteċipawx fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Superviżjoni u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni.

(14) Dan il-Ftehim għandu jiġi rratifikat mill-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro u mill-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Superviżjoni u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni.

(15) L-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro li mhumiex Partijiet Kontraenti għandhom jaderixxu ma' dan il-Ftehim bid-drittijiet u l-obbligi kollha, f'konformità ma' dawk tal-Partijiet Kontraenti, mid-data li fiha huma jadottaw effettivament l-euro bħala l-munita tagħhom jew, inkella, mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-BĊE dwar kooperazzjoni mill-qrib imsemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

(16) Fil-21 ta' Mejju 2014, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri awtorizzaw lill-Partijiet Kontraenti biex jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Bord") iwettqu l-kompiti previsti f'dan il-Ftehim.

(17) L-Artikolu 15 tar-Regolament MUR, kif ikun fid-data tal-adozzjoni inizjali tiegħu jistabbilixxi prinċipji ġenerali li jirregolaw riżoluzzjoni, skont liema l-azzjonisti tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jġarrbu l-ewwel telf u l-krediturи tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jġarrbu t-telf wara l-azzjonisti f'konformità mal-ordni ta' prijorità tal-pretensjonijiet tagħhom. Għaldaqstant, l-Artikolu 27 tar-Regolament MUR jistabbilixxi għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna li tirrikjedi li

VERŻJONI ELETTRONIKA

kontribuzzjoni għall-assorbiment ta' telf u r-rikapitalizzazzjoni jammontaw għal tal-inqas 8% tal-obbligazzjonijiet totali inklużi l-fondi proprji tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, imkejla fil-ħin tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 20 tar-Regolament MUR, tkun saret mill-azzjonisti, id-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet eliġibbli oħra permezz ta' tniżżil fil-valur, konverżjoni jew b'xi mod ieħor, u li jirrikjedi wkoll li l-kontribuzzjoni mill-Fond ma tkunx aktar minn 5% tal-obbligazzjonijiet totali inklużi l-fondi proprji tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, imkejla fil-ħin tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 20 tar-Regolament MUR, għajr jekk l-obbligazzjonijiet kollha mhux garantiti u mhux bi preferenza, minbarra d-depożiti eliġibbli, ikunu ġew imniżżla fil-valur jew ikkonvertiti b'mod sħiħ. Barra minn hekk, l-Artikoli 18, 52 u 55 tar-Regolament MUR, kif ikun fid-data tal-adozzjoni inizjali tiegħu jistabbilixxu għadd ta' regoli proċedurali dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Bord u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dawk l-elementi tar-Regolament MUR jikkostitwixxu bażi essenzjali għall-kunsens tal-Partijiet Kontraenti biex ikunu marbutin b'dan il-Ftehim.

(18) Il-Partijiet Kontraenti jirrikonoxxu li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati kif ukoll id-dritt internazzjonali konswetudinarju għandhom japplikaw fir-rigward ta' kwalunkwe bidla fundamentali ta' ċirkostanzi, li seħħet kontra l-volontà tagħhom u li taffettwa l-bażi essenzjali tal-kunsens tal-Partijiet Kontraenti li jkunu marbuta bid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, kif imsemmi fil-premessa (17). Il-Partijiet Kontraenti skont dan jistgħu jinvokaw il-konsegwenzi ta' kwalunkwe tibdil fundamentali ta' ċirkostanzi li jkunu seħħew kontra l-volontà tagħhom, skont id-dritt pubbliku internazzjonali. Meta Parti Kontraenti tinvoka konsegwenzi bħal dawn, kwalunkwe Parti Kontraenti oħra tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("Qorti tal-Ġustizzja"). Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tingħata s-setgħa li tivverifika l-eżistenza ta' kwalunkwe bidla fundamentali ta' ċirkostanzi u l-konsegwenzi li jidderivaw minnha. Il-Partijiet Kontraenti jirrikonoxxu li tali invokar tal-konsegwenzi wara r-revokar jew l-emendar ta' kwalunkwe element tar-Regolament MUR imsemmija fil-premessa (17), li jkun sar kontra r-rieda ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti u li jkun suxxettibbli li jaffettwa l-bażi essenzjali tal-kunsens tagħhom li tkun marbuta mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ikun ifisser tilwima fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għall-finijiet tal-Artikolu 273 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li għalhekk tkun tista' tiġi ppreżentata lill-Qorti tal-Ġustizzja bis-saħħa ta' dik id-dispożizzjoni. Kwalunkwe Parti Kontraenti tista' titlob ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja għal miżuri *interim*, f'konformità mal-Artikolu 278 TFUE u l-Artikoli 160 sa 162 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja**********. Meta tiddeċiedi dwar it-tilwima, kif ukoll dwar l-għoti ta' miżuri *interim*, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu kont tal-obbligi tal-Partijiet Kontraenti skont it-TUE u t-TFUE, inklużi dawk relatati mal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-integrità tiegħu.

********** Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Settembru 2012 (ĠU L 265, 29.9.2012, p.1) inkluża kwalunkwe emenda sussegwenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(19) Id-determinazzjoni ta' jekk l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, il-Bord u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni japplikawx l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna f'mod li huwa kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni taqa' taħt is-setgħat tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-rimedji legali stabbiliti fit-TUE u TFUE, jiġifieri l-Artikoli 258, 259, 260, 263, 265 u 266 TFUE.

(20) Bħala strument tad-dritt pubbliku internazzjonali, id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'dan il-Ftehim huma soġġetti għall-prinċipji ta' reċiproċità. Għaldaqstant, il-kunsens minn kull waħda mill-Partijiet Kontraenti biex tintrabat b'dan il-Ftehim jiddependi fuq it-twettiq ekwivalenti tad-drittijiet u l-obbligi li jaqgħu fuq kull waħda mill-Partijiet Kontraenti. B'konsegwenza ta' dan, il-ksur minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti tal-obbligu tagħha li tittrasferixxi l-kontribuzzjonijiet lejn il-Fond għandu jwassal għall-esklużjoni tal-entitajiet awtorizzati fit-territorji tagħhom mill-aċċess għall-Fond. Il-Bord u l-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jingħataw is-setgħa li jiddeterminaw u jiddikjaraw jekk il-Partijiet Kontraenti kisrux l-impenn tagħhom li jittrasferixxu l-kontribuzzjonijiet, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'dan il-Ftehim. Il-Partijiet Kontraenti jirrikonoxxu li f'każ ta' ksur tal-obbligu tat-trasferiment tal-kontribuzzjonijiet, l-unika konsegwenza legali tkun l-esklużjoni tal-Parti Kontraenti li tkun wettqet il-ksur mill-finanzjament taħt il-Fond u li l-obbligi tal-Partijiet Kontraenti l-oħra taħt il-Ftehim għandhom jibqgħu mhux affettwati.

(21) Dan il-Ftehim jistabbilixxi mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Istati Membri parteċipanti jintrabtu li jirrifondu b'mod konġunt, fil-pront u bl-imgħax lil kull Stat Membru li ma jipparteċipax fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, l-ammont li dak l-Istat Membru mhux parteċipanti jkun ħallas f'riżorsi proprji li jikkorrispondi għall-użu tal-baġit ġenerali tal-Unjoni f'każijiet ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali u spejjeż relatati magħha, fir-rigward tal-eżerċizzju tas-setgħat mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni taħt ir-Regolament MUR. Ir-responsabbiltà ta' kull Stat Membru parteċipanti taħt dan l-arranġament għandha tkun separata u individwali, u mhux flimkien u *in solidum*, u għalhekk kull Stat Membru parteċipanti għandu jirrispondi biss għall-parti tiegħu tal-obbligu ta' rifużjoni kif determinat skont dan il-Ftehim.

(22) Tilwim rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim li jinħoloq bejn il-Partijiet Kontraenti, inkluż dak rigward il-konformità mal-obbligi stabbiliti fih, għandu jiġi ppreżentat quddiem il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'konformità mal-Artikolu 273 TFUE. L-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro li mhumiex partijiet għal dan il-Ftehim għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw kull tilwim dwar l-interpretazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpens għal responsabbiltà mhux kuntrattwali u spejjeż relatati magħhom stabbiliti f'dan il-Ftehim lill-Qorti tal-Ġustizzja.

(23) It-trasferiment ta' kontribuzzjonijiet mill-Partijiet Kontraenti li jsiru parti mill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u mill-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni f'data sussegwenti għad-data ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandu jsir b'rispett lejn il-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament mal-Partijiet Kontraenti li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni fid-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet Kontraenti li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni fid-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim mhux mistennija jerfgħu l-piż tar-riżoluzzjonijiet li għalihom kien mistenni li jikkontribwixxu l-arranġamenti finanzjarji nazzjonali ta' dawk li jipparteċipaw fi stadju aktar tard. Bl-istess mod, dawn tal-aħħar mhux mistennija jerfgħu l-ispiża tar-riżoluzzjonijiet li jirriżultaw qabel id-data li fiha jkunu saru Stati Membri parteċipanti, li għaliha għandu jkun responsabbli l-Fond.

(24) F'każ li l-kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE ta' Parti Kontraenti, li l-munita tagħha mhijiex l-euro, tintemm f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, għandha tittieħed deċiżjoni dwar il-qsim ġust tal-kontribuzzjonijiet kumulati mill-Parti Kontraenti kkonċernata b'kont meħud tal-interessi kemm tal-Parti Kontraenti kkonċernata kif ukoll tal-Fond. Għaldaqstant, l-Artikolu 4(3) tar-Regolament MUR jistabbilixxi l-modalitajiet, il-kriterji u l-proċedura għall-Bord sabiex jaqbel mal-Istat Membru kkonċernat bit-terminazzjoni tal-kooperazzjoni mill-qrib dwar l-irkuprar tal-kontribuzzjonijiet trasferiti minn dak l-Istat Membru.

(25) Filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-proċeduri u r-rekwiżiti tat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea, l-għan tal-Partijiet Kontraenti huwa li jinkorporaw id-dispożizzjonijiet ta' sustanza ta' dan il-Ftehim, f'konformità mat-TUE u t-TFUE malajr kemm jista' jkun fil-qafas legali tal-Unjoni.

QABLU DWAR ID-DISPOŻIZZJONIJIET LI ĠEJJIN:

TITOLU I

GĦAN U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

ARTIKOLU 1

1. B'dan il-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom li,

(a) jittrasferixxu l-kontribuzzjonijiet miġbura fil-livell nazzjonali f'konformità mad-Direttiva BRR u mar-Regolament MUR għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Fond") stabbilit b'dak ir-Regolament; u

(b) jallokaw, matul perjodu transitorju li jibda mid-data ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim kif stabbilit taħt l-Artikolu 12(2) ta' dan il-Ftehim u li jiskadi fid-data li fih il-Fond jilħaq il-livell immirat iffissat fl-Artikolu 69 tar-Regolament MUR iżda mhux aktar tard minn 8 snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim (il-perjodu transitorju), il-kontribuzzjonijiet li jiġbru fil-livell nazzjonali skont ir-Regolament MUR u d-Direttiva BRR għall-kompartimenti differenti li jikkorrispondu għal kull Parti Kontraenti. L-użu tal-kompartimenti għandu jkun soġġett għal

VERŻJONI ELETTRONIKA

mutwalizzazzjoni progressiva b'tali mod li dawn ma jibqgħux jeżistu fi tmiem il-perjodu transitorju,

b'hekk jappoġġjaw l-operazzjonijiet u l-funzjonament effettivi tal-Fond.

2. Dan il-Ftehim għandu japplika għall-Partijiet Kontraenti li l-istituzzjonijiet tagħhom huma soġġetti għall-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta', rispettivament, ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, u r-Regolament MUR (il-Partijiet Kontraenti li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni).

TITOLU II

KONSISTENZA U RABTA MAL-LIĠI TAL-UNJONI

ARTIKOLU 2

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat u interpretat mill-Partijiet Kontraenti f'konformità mat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea u mad-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tat-TUE u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet.

2. Dan il-Ftehim għandu japplika sa fejn ikun kompatibbli mat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni u mal-liġi tal-Unjoni. Huwa ma għandux jaffettwa l-kompetenzi tal-Unjoni li tieħu azzjoni fil-qasam tas-suq intern.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-definizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament MUR għandhom japplikaw.

TITOLU III

TRASFERIMENT TA' KONTRIBUZZJONIJIET U KOMPARTIMENTI

ARTIKOLU 3
Trasferiment ta' kontribuzzjonijiet

1. Il-Partijiet Kontraenti b'mod konġunt jimpenjaw ruħhom li jittrasferixxu irrevokabbilment għall-Fond, il-kontribuzzjonijiet li huma jiġbru mill-istituzzjonijiet awtorizzati f'kull wieħed mit-territorji tagħhom skont l-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament MUR, u f'konformità mal-kriterji stabbiliti fihom u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni li jirreferu għalihom. It-trasferiment ta' kontribuzzjonijiet għandu jsir f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti taħt l-Artikoli 4 sa 10 ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jittrasferixxu l-kontribuzzjonijiet *ex ante* li jikkorrispondu għal kull sena sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' dik is-sena. It-trasferiment inizjali tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond ser isir l-aktar tard sat-30 ta' Ġunju 2016 jew, jekk il-Ftehim ma jkunx daħal fis-seħħ sa dik

VERŻJONI ELETTRONIKA

id-data, l-aktar tard sa sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

3. Il-kontribuzzjonijiet li nġabru mill-Partijiet Kontraenti f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tad-Direttiva BRR qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu ttrasferiti fil-Fond l-aktar tard sal-31 ta' Jannar 2016 jew, jekk il-Ftehim ma daħalx fis-seħħ sa dik id-data, l-aktar tard sa xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

4. Kwalunkwe ammont rifuż bl-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni ta' Parti Kontraenti qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim fir-rigward tal-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni fit-territorju tagħhom għandu jitnaqqas minn dawk il-kontribuzzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti minn dik il-Parti Kontraenti lejn il-Fond imsemmi fil-paragrafu 3. F'dak il-każ, il-Parti Kontraenti kkonċernata għandha tibqa' obbligata li tittrasferixxi lejn il-Fond ammont ekwivalenti għal dak li kien ikun meħtieġ biex jintlaħaq il-livell immirat tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, skont l-Artikolu 102 tad-Direttiva BRR u qabel l-iskadenzi pprovduti hemmhekk.

5. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jittrasferixxu l-kontribuzzjonijiet *ex post* immedjatament wara li jinġabru.

ARTIKOLU 4
Kompartimenti

1. Matul il-perjodu transitorju, il-kontribuzzjonijiet miġbura fil-livell nazzjonali għandhom jiġu ttrasferiti għall-Fond b'tali mod li huma jiġu allokati fil-kompartimenti korrispondenti għal kull Parti Kontraenti.

2. Id-daqs tal-kompartimenti ta' kull Parti Kontraenti għandu jkun ugwali għall-kontribuzzjonijiet totali pagabbli mill-istituzzjonijiet awtorizzati f'kull wieħed mit-territorji tagħhom skont l-Artikoli 69 u 70 tar-Regolament MUR kif ukoll l-atti delegati u ta' implimentazzjoni li jissemmew fih.

3. Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Bord għandu jfassal lista, għall-fini ta' informazzjoni biss, li tagħti d-dettalji dwar id-daqs tal-kompartimenti ta' kull Parti Kontraenti. Dik il-lista għandha tiġi aġġornata kull sena tal-perjodu transitorju.

ARTIKOLU 5
Funzjonament tal-kompartimenti

1. Meta f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament MUR jiġi deċiż li jsir rikors għall-Fond, il-Bord għandu jkollu s-setgħa li jiddisponi mill-kompartimenti tal-Fond fil-mod li ġej:

(a) L-ewwel nett, l-ispejjeż għandhom jinġarru mill-kompartimenti li jikkorrispondu għall-Partijiet Kontraenti meta l-istituzzjoni jew il-grupp taħt riżoluzzjoni jkun stabbilit jew awtorizzat. Meta grupp transkonfinali

VERŻJONI ELETTRONIKA

jkun taħt riżoluzzjoni, l-ispejjeż għandhom jiġu distribwiti bejn il-kompartimenti differenti li jikkorrispondu għall-Partijiet Kontraenti fejn l-impriża prinċipali (*parent undertaking*) u s-sussidjarji jkunu stabbiliti jew awtorizzati b'mod proporzjonat mal-ammont relattiv ta' kontribuzzjonijiet li kull waħda mill-entitajiet tal-grupp taħt riżoluzzjoni tkun ipprovdiet għall-kompartimenti rispettivi tagħhom f'relazzjoni mal-ammont aggregat ta' kontribuzzjonijiet li l-entitajiet kollha tal-grupp ikunu pprovdew għall-kompartimenti nazzjonali tagħhom.

F'każ li Parti Kontraenti, fejn hija stabbilita jew awtorizzata impriża prinċipali jew sussidjarja, tikkunsidra li l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju għat-tqassim tal-ispejjeż imsemmi fl-ewwel subparagrafu jwassal għal assimetrija kbira bejn id-distribuzzjoni tal-ispejjeż bejn il-kompartimenti u l-profil tar-riskju tal-entitajiet ikkonċernati mir-riżoluzzjoni, hija tista' titlob lill-Bord biex jikkunsidra addizzjonalment u mingħajr dewmien il-kriterji stabbiliti skont l-Artikolu 107(5) tad-Direttiva BRR. Jekk il-Bord ma jsegwix it-talba ppreżentata mill-Parti Kontraenti kkonċernata, hi għandha tispjega l-pożizzjoni tagħha pubblikament.

Jista' jsir użu mill-mezzi finanzjarji disponibbli fil-kompartimenti li jikkorrispondu għall-Partijiet Kontraenti msemmija fl-ewwel subparagrafu, sal-ammont li kull kompartiment nazzjonali jkollu jikkontribwixxi skont il-kriterji tad-distribuzzjoni tal-ispejjeż stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, skont dan li ġej:

- matul l-ewwel sena tal-perjodu transitorju, jista' jsir użu mill-mezzi kollha disponibbli fil-kompartimenti msemmija;

- matul it-tieni u t-tielet sena tal-perjodu transitorju, jista' jsir użu mill-mezzi għal 60% u 40% rispettivament tal-mezzi finanzjarji disponibbli fil-kompartimenti msemmija;

- matul is-snin sussegwenti tal-perjodu transitorju, id-disponibbiltà tal-mezzi finanzjarji fil-kompartimenti li jikkorrispondu għal dawn il-Partijiet Kontraenti rilevanti għandha tonqos kull sena b'6⅔ punti perċentwali.

It-tnaqqis imsemmi kull sena tad-disponibbiltà tal-mezzi finanzjarji fil-kompartimenti li jikkorrispondu għall-Partijiet Kontraenti rilevanti għandu jitqassam b'mod ugwali kull tliet xhur.

(b) It-tieni nett, jekk il-mezzi finanzjarji disponibbli fil-kompartimenti tal-Partijiet Kontraenti kkonċernati msemmijin fil-punt (a) ma jkunux suffiċjenti biex jikkonformaw mal-missjoni tal-Fond kif imsemmija fl-Artikolu 76 tar-Regolament MUR, jista' jsir użu mill-mezzi finanzjarji disponibbli fil-kompartimenti tal-Fond li jikkorrispondu għall-Partijiet Kontraenti kollha.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-mezzi finanzjarji disponibbli fil-kompartimenti tal-Partijiet Kontraenti kollha għandhom jiġu ssupplimentati, sal-grad speċifikat fit-tielet subparagrafu ta' dan il-punt, mill-mezzi finanzjarji li jifdal fil-kompartimenti nazzjonali li jikkorrispondu għall-Partijiet Kontraenti kkonċernati mir-riżoluzzjoni msemmija fil-punt (a).

F'każ ta' riżoluzzjoni ta' grupp transkonfinali, l-allokazzjoni tal-mezzi finanzjarji magħmula disponibbli bejn il-kompartimenti tal-Partijiet Kontraenti kkonċernati skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-punt għandha ssegwi l-istess sistema ta' distribuzzjoni tal-ispejjeż bejniethom, kif stipulat fil-punt (a). Jekk l-istituzzjoni jew l-istituzzjonijiet awtorizzati f'waħda mill-Partijiet Kontraenti kkonċernati soġġetta għal riżoluzzjoni ta' grupp ma teħtieġx it-totalità tal-mezzi finanzjarji disponibbli skont dan il-punt (b), il-mezzi finanzjarji disponibbli mhux meħtieġa taħt dan il-punt (b) għandhom jintużaw fir-riżoluzzjoni tal-entitajiet awtorizzati fil-Partijiet Kontraenti l-oħra kkonċernati mir-riżoluzzjoni ta' grupp.

Matul il-perjodu transitorju, l-użu għall-kompartimenti nazzjonali kollha tal-Partijiet Kontraenti għandu jsir kif ġej:

- matul l-ewwel u t-tieni sena tal-perjodu transitorju, jista' jsir użu mill-mezzi għal 40% u 60% rispettivament tal-mezzi finanzjarji disponibbli fil-kompartimenti msemmija;

- matul is-snin sussegwenti tal-perjodu transitorju, id-disponibbiltà tal-mezzi finanzjarji fil-kompartimenti msemmija għandha tiżdied kull sena b'6 ⅔ punti perċentwali.

Iż-żieda msemmija għal kull sena tad-disponibbiltà tal-mezzi finanzjarji fil-kompartimenti nazzjonali kollha tal-Partijiet Kontraenti għandha titqassam b'mod ugwali kull tliet xhur.

(ċ) It-tielet nett, jekk il-mezzi finanzjarji li jintużaw f'konformità ma' punt (b) ma jkunux suffiċjenti biex jikkonformaw mal-missjoni tal-Fond kif imsemmija fl-Artikolu 76 tar-Regolament MUR, għandu jsir użu mill-mezzi għal kwalunkwe mezz finanzjarju li jkun fadal fil-kompartimenti li jikkorrispondu għall-Partijiet Kontraenti kkonċernati msemmija f'punt (a).

F'każ ta' riżoluzzjoni ta' grupp transkonfinali, għandu jsir użu mill-kompartimenti tal-Partijiet Kontraenti kkonċernati li ma jkunux ipprovdew biżżejjed mezzi finanzjarji skont il-punti (a) u (b), fir-rigward tar-riżoluzzjoni ta' entitajiet awtorizzati fit-territorji tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet minn kull kompartiment għandhom jiġu ddeterminati skont il-kriterji għad-distribuzzjoni tal-ispejjeż stabbiliti f'punt (a).

(d) Ir-raba' nett, u mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Bord imsemmi taħt punt (e), jekk il-mezzi finanzjarji msemmijin f'punt (ċ) ma

VERŻJONI ELETTRONIKA

jkunux suffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni partikolari, il-Partijiet Kontraenti kkonċernati msemmijin fil-punt (a) għandhom jittrasferixxu fil-Fond il-kontribuzzjonijiet *ex post* straordinarji mill-istituzzjonijiet awtorizzati fit-territorji rispettivi tagħhom, miġburin f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 71 tar-Regolament MUR.

Fil-każ ta' riżoluzzjoni ta' grupp transkonfinali, il-kontribuzzjonijiet *ex post* għandhom jiġu trasferiti mill-Partijiet Kontraenti kkonċernati li ma jkunux ipprovdew mezzi finanzjarji biżżejjed taħt il-punti (a) sa (ċ) fir-rigward tar-riżoluzzjoni ta' entitajiet awtorizzati fit-territorji tagħhom.

(e) Jekk il-mezzi finanzjarji msemmija fil-punt (ċ) ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni partikolari, u sakemm il-kontribuzzjonijiet straordinarji *ex post* imsemmija fil-punt (d) ma jkunux immedjatament aċċessibbli, inkluż minħabba raġunijiet relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet ikkonċernati, il-Bord jista' jeżerċita s-setgħa tiegħu li jikseb għall-Fond self jew forom oħra ta' appoġġ f'konformità mal-Artikoli 73 u 74 tar-Regolament MUR, jew is-setgħa tiegħu li jagħmel trasferimenti temporanji bejn il-kompartimenti f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim.

Fil-każ li l-Bord jiddeċiedi li jeżerċita s-setgħat imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt, il-Partijiet Kontraenti kkonċernati msemmija fil-punt (d) għandhom jittrasferixxu lill-Fond il-kontribuzzjonijiet straordinarji *ex post* sabiex jirrimborżaw is-self jew forom oħra ta' appoġġ, jew it-trasferiment temporanju bejn il-kompartimenti.

2. Redditi fuq l-investimenti tal-ammonti trasferiti fil-Fond, f'konformità mal-Artikolu 75 tar-Regolament MUR għandhom jiġu allokati lil kull wieħed mill-kompartimenti *pro rata* abbażi tal-mezzi finanzjarji disponibbli rispettivi tagħhom, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe talba jew impenn ta' pagament irrevokabbli għall-finijiet tal-Artikolu 76 tar-Regolament MUR attribwibbli għal kull kompartiment. Redditi fuq l-investiment tal-operazzjonijiet ta' riżoluzzjoni li l-Fond jista' jwettaq, f'konformità mal-Artikolu 76 tar-Regolament MUR, għandhom jiġu allokati lil kull wieħed mill-kompartimenti *pro rata* abbażi tal-kontribuzzjoni rispettiva tagħhom għal azzjoni ta' riżoluzzjoni partikolari.

3. Il-kompartimenti kollha għandhom jingħaqdu u ma għandhomx jibqgħu jeżistu wara li jiskadi l-perjodu transitorju.

ARTIKOLU 6

Trasferiment ta' kontribuzzjonijiet *ex ante* addizzjonali u l-livell immirat

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li, fejn ikun adatt, jirrikostitwixxu l-Fond permezz ta' kontribuzzjonijiet *ex ante*, li jitħallsu matul il-perjodi stipulati fl-Artikolu 69(2), (3) u 5(a) tar-Regolament MUR f'ammont ekwivalenti għal dak meħtieġ biex jintlaħaq il-livell immirat speċifikat fl-Artikolu

VERŻJONI ELETTRONIKA

69(1) tar-Regolament MUR.

2. Matul il-perjodu transitorju, it-trasferiment tal-kontribuzzjonijiet marbuta mar-rikostituzzjoni għandu jitqassam bejn il-kompartimenti bil-manjiera li ġejja:

(a) il-Partijiet Kontraenti kkonċernati mir-riżoluzzjoni għandhom jittrasferixxu l-kontribuzzjonijiet fil-parti tal-kompartiment tagħhom li ma tkunx għadha ġiet soġġetta għall-mutwalizzazzjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5(1).

(b) il-Partijiet Kontraenti kollha għandhom jittrasferixxu l-kontribuzzjonijiet fil-parti tal-kompartimenti rispettivi tagħhom soġġetta għall-mutwalizzazzjoni skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5(1).

ARTIKOLU 7
Trasferiment temporanju bejn kompartimenti

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti taħt il-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 5(1), il-Partijiet Kontraenti kkonċernati minn riżoluzzjoni jistgħu, matul il-perjodu transitorju, jitolbu lill-Bord biex jużaw temporanjament il-parti tal-mezzi finanzjarji disponibbli fil-kompartimenti tal-Fond, li jikkorrispondu għall-Partijiet Kontraenti l-oħrajn, li tkun għadha ma ġietx mutwalizzata. F'dan il-każ, il-Partijiet Kontraenti kkonċernati għandhom sussegwentement jittrasferixxu fil-Fond, qabel ma jiskadi l-perjodu transitorju, kontribuzzjonijiet *ex post* straordinarji f'ammont ekwivalenti għal dak li jkunu rċevew il-kompartimenti tagħhom, b'żieda mal-imgħax li jingħema', sabiex il-kompartimenti l-oħra jiġu ffinanzjati mill-ġdid.

2. L-ammont trasferit temporanjament minn kull wieħed mill-kompartimenti għal dawk riċevituri għandu jkun *pro rata* għad-daqs tagħhom, kif determinat taħt l-Artikolu 4(2), u ma għandux ikun iżjed minn 50% tal-mezzi finanzjarji disponibbli f'kull kompartiment li jkun għadu mhux soġġett għal mutwalizzazzjoni. F'każ ta' riżoluzzjoni ta' grupp transkonfinali, l-allokazzjoni tal-mezzi finanzjarji magħmula disponibbli bejn il-kompartimenti tal-Partijiet Kontraenti kkonċernati skont dan il-paragrafu għandha ssegwi l-istess sistema ta' distribuzzjoni tal-ispejjeż bejniethom, kif stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1).

3. Id-deċiżjonijiet tal-Bord rigward it-talba għat-trasferiment temporanju ta' mezzi finanzjarji bejn il-kompartimenti msemmi fil-paragrafu 1 għandhom jittieħdu permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-membri fis-sessjoni plenarja tiegħu, kif speċifikat fl-Artikolu 52(1) tar-Regolament MUR. Fid-deċiżjoni tiegħu dwar it-trasferiment temporanju, il-Bord għandu jispeċifika r-rata tal-imgħax, il-perjodu għar-rifużjoni u termini u kondizzjonijiet oħrajn li jikkonċernaw it-trasferiment ta' mezzi finanzjarji bejn il-kompartimenti.

4. Id-deċiżjoni tal-Bord imsemmija fil-paragrafu 3 li taqbel mat-trasferiment temporanju ta' mezzi finanzjarji tista' tidħol fis-seħħ biss jekk fi

VERŻJONI ELETTRONIKA

żmien erba' ġranet kalendarji wara d-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ebda waħda mill-Partijiet Kontraenti li t-trasferiment ikun sar mill-kompartimenti tagħhom ma tkun esprimiet oġġezzjoni.

Matul il-perjodu transitorju, id-dritt ta' oġġezzjoni ta' Parti Kontraenti tista' tiġi eżerċitata biss jekk:

(a) tista' tkun teħtieġ il-mezzi finanzjarji mill-kompartiment nazzjonali li jikkorrispondi għaliha biex tiffinanzja operazzjoni ta' riżoluzzjoni fi ftit ta' żmien jew jekk it-trasferiment temporanju jxekkel it-twettiq ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni li tkun għaddejja fit-territorju tagħha;

(b) it-trasferiment temporanju jkun jieħu aktar mill-25% tal-parti tiegħu tal-kompartiment nazzjonali li jkun għadu mhux soġġett għal mutwalizzazzjoni f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5(1); jew

(ċ) tqis li l-Parti Kontraenti li l-kompartiment tagħha jgawdi mit-trasferiment temporanju ma tkunx qed tipprovdi garanziji ta' rifużjoni minn sorsi nazzjonali jew mill-MES skont il-proċeduri maqbula.

Il-Parti Kontraenti li jkun biħsiebha toġġezzjona għandha tissostanzja b'mod debitu l-okkorrenza ta' kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-punti (a) sa (ċ).

F'każ li jitqajmu oġġezzjonijiet f'konformità ma' dan il-paragrafu, id-deċiżjoni tal-Bord dwar it-trasferiment temporanju għandha tiġi addottata bl-esklużjoni tal-mezzi finanzjarji tal-kompartimenti tal-Partijiet Kontraenti li joġġezzjonaw.

5. Jekk istituzzjoni ta' Parti Kontraenti li mill-kompartiment tagħha ġew ittrasferiti mezzi finanzjarji bis-saħħa ta' dan l-Artikolu tkun soġġetta għal riżoluzzjoni, dik il-Parti Kontraenti tista' titlob lill-Bord jittrasferixxi mill-Fond għall-kompartiment tagħha l-ammont ekwivalenti għal dak ittrasferit inizjalment minn dak il-kompartiment. Meta ssir dik it-talba, il-Bord għandu minnufih jaċċetta li jsir it-trasferiment.

F'dak il-każ, il-Partijiet Kontraenti li bbenefikaw inizjalment mill-użu temporanju ta' mezzi finanzjarji għandhom jinżammu responsabbli sabiex jittrasferixxu fil-Fond l-ammonti allokati lill-Parti Kontraenti kkonċernata abbażi tal-ewwel subparagrafu, skont it-termini u l-kondizzjonijiet li jiġu speċifikati mill-Bord.

6. Il-Bord għandu jispeċifika kriterji ġenerali li jiddeterminaw il-kondizzjonijiet li bihom għandu jseħħ it-trasferiment temporanju tal-mezzi finanzjarji previst f'dan l-Artikolu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

ARTIKOLU 8
Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom mhix l-euro

1. F'każ li wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 12(2) tiġi addottata deċiżjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li tħassar id-deroga ta' Parti Kontraenti li l-munita tagħha mhix l-euro, kif iddefinit fl-Artikolu 139(1) TFUE jew l-eżenzjoni għalih, kif imsemmija fil-Protokoll (Nru 16) dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mad-Danimarka annessi mat-TUE u t-TFUE ('Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet relatati mad-Danimarka') jew jekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe deċiżjoni bħal din, Parti Kontraenti li l-munita tagħha mhix l-euro ssir parti mill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, hija għandha tittrasferixxi lejn il-Fond ammont ta' kontribuzzjonijiet miġbur fit-territorju tagħha ekwivalenti għall-parti tat-total tal-livell immirat għall-kompartiment nazzjonali tagħha kkalkulat skont l-Artikolu 4(2), u b'hekk ugwali għall-ammont li kien jiġi ttrasferit mill-Parti Kontraenti ikkonċernata kieku pparteċipat fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni sa mid-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim taħt l-Artikolu 12(2).

2. Kwalunkwe ammont rifuż bl-arranġament finanzjarju ta' riżoluzzjoni ta' Parti Kontraenti msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni fit-territorju tagħhom għandu jitnaqqas minn dak li għandu jiġi ttrasferit minn dik il-Parti Kontraenti lejn il-Fond bis-saħħa tal-paragrafu 1. F'dak il-każ, il-Parti Kontraenti kkonċernata għandha tibqa' obbligata li tittrasferixxi lejn il-Fond ammont ekwivalenti għal dak li kien ikun meħtieġ biex jintlaħaq il-livell immirat tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, skont l-Artikolu 102 tad-Direttiva BRR u qabel l-iskadenzi pprovduti hemmhekk.

3. Il-Bord għandu jiddetermina, bi qbil mal-Parti Kontraenti kkonċernata, l-ammont preċiż tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti minnha, skont il-kriterji mogħtija fil-paragrafi 1 u 2.

4. L-ispejjeż ta' kwalunkwe azzjoni ta' riżoluzzjoni mibdija fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom mhix l-euro qabel id-data meta d-deċiżjoni li tabroga d-deroga tagħhom, kif definit fl-Artikolu 139(1) TFUE, jew l-eżenzjoni tagħhom, kif imsemmi fil-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet relatati mad-Danimarka, tieħu effett jew qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-BĊE dwar kooperazzjoni mill-qrib imsemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru1024/2013 ma għandhomx jiġġarrbu mill-Fond.

Jekk il-BĊE, fil-valutazzjoni komprensiva tiegħu tal-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, iqis li xi istituzzjoni tal-Partijiet Kontraenti kkonċernati qed tfalli jew aktarx tfalli, l-ispejjeż ta' riżoluzzjoni tal-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma għandhomx jiġġarrbu mill-Fond.

5. Fil-każ ta' terminazzjoni tal-kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE, il-kontribuzzjonijiet trasferiti mill-Parti Kontraenti konċernata mit-terminazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

jiġu rkuprati f'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament MUR.

It-tmiem tal-kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet Kontraenti li joriġinaw minn azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li jkunu twettqu matul il-perjodu li fih dawk il-Partijiet Kontraenti jkunu soġġetti għal dan il-Ftehim u li huma relatati ma':

- it-trasferiment ta' kontribuzzjonijiet *ex post*, taħt il-punt (d) tal-Artikolu 5(1);

- ir-rikostituzzjoni tal-Fond, taħt l-Artikolu 6; u

- it-trasferiment temporanju bejn kompartimenti, taħt l-Artikolu 7.

ARTIKOLU 9
Rispett tal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tar-riżoluzzjoni

1. L-użu tal-Fond fuq bażi reċiproka u t-trasferiment ta' kontribuzzjonijiet lill-Fond għandhom ikunu kontinġenti fuq il-permanenza ta' qafas legali dwar riżoluzzjoni li r-regoli tiegħu huma ekwivalenti għal, u tal-anqas iwasslu għall-istess riżultat ta' dawk skont ir-Regolament MUR kif jinsabu fir-regoli li ġejjin, u mingħajr ma jinbidlu:

(a) Ir-regoli proċedurali dwar l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni kif stipulati taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament MUR;

(b) Ir-regoli dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Bord kif stipulati fl-Artikoli 52 u 55 tar-Regolament MUR;

(ċ) Il-prinċipji ġenerali li jikkonċernaw ir-riżoluzzjoni kif stipulati fl-Artikolu 15 tar-Regolament MUR, partikolarment il-prinċipji li l-azzjonisti tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jġarrbu l-ewwel telf u li l-krediturі tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jġarrbu t-telf wara l-azzjonisti skont l-ordni ta' prijorità tal-pretensjonijiet tagħhom, miġbura fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu (1) tiegħu;

(d) Ir-regoli dwar l-għodod ta' riżoluzzjoni msemmija taħt l-Artikolu 22(2) tar-Regolament MUR, b'mod partikolari dawk dwar l-applikazzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna stipulati taħt l-Artikolu 27 tiegħu u fl-Artikoli 43 u 44 tad-Direttiva BRR u l-limiti speċifiċi li jistabbilixxu fir-rigward tal-impożizzjoni ta' telf fuq l-azzjonisti u fuq il-krediturі u l-kontribuzzjoni tal-Fond għal azzjoni partikolari ta' riżoluzzjoni.

2. Fil-każ li r-regoli dwar riżoluzzjoni msemmija fil-paragrafu 1, previsti fir-Regolament MUR kif ikun fid-data tal-adozzjoni inizjali tiegħu, jiġu revokati, jew inkella emendati kontra r-rieda ta' kwalunkwe Parti Kontraenti, inkluża l-adozzjoni ta' regoli ta' rikapitalizzazzjoni interna b'mod li mhux ekwivalenti jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

li ma jwassalx għal tal-anqas l-istess riżultat mhux anqas rigoruż li joħroġ mir-Regolament MUR kif ikun fid-data tal-adozzjoni inizjali tiegħu, u din il-Parti Kontraenti teżerċita d-drittijiet tagħha skont id-dritt pubbliku internazzjonali rigward bidla fiċ-ċirkostanzi, kwalunkwe Parti Kontraenti oħra tista', abbażi tal-Artikolu 14 ta' dan il-Ftehim, titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea sabiex tivverifika l-eżistenza ta' bidla fundamentali taċ-ċirkostanzi u l-konsegwenzi li jirriżultaw minnha, f'konformità mad-dritt pubbliku internazzjonali. Fl-applikazzjoni tagħha, kwalunkwe Parti Kontraenti tista' titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tissospendi t-tħaddim ta' miżura li hija s-suġġett ta' tilwima, f'liema każ japplikaw l-Artikolu 278 TFUE u l-Artikoli 160 sa 162 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

3. Il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tippreġudika jew taffettwa r-rikors għal rimedji legali previsti taħt l-Artikoli 258, 259, 260, 263, 265 u 266 TFUE.

ARTIKOLU 10
Konformità

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji fl-ordnijiet ġuridiċi nazzjonali tagħhom biex jiżguraw konformità mal-obbligu tagħhom li jittrasferixxu l-kontribuzzjonijiet b'mod konġunt f'konformità ma' dan il-Ftehim.

2. Mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Qorti tal-Ġustizzja taħt l-Artikolu 14 ta' dan il-Ftehim, il-Bord, waqt li jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba ta' kwalunkwe Parti Kontraenti, jista' jikkunsidra jekk Parti Kontraenti tkunx naqset milli tikkonforma mal-obbligu tagħha li tittrasferixxi l-kontribuzzjonijiet fil-Fond, kif stabbilit f'dan il-Ftehim.

F'każ li l-Bord isib li Parti Kontraenti tkun naqset milli tikkonforma mal-obbligu tagħha li tittrasferixxi l-kontribuzzjonijiet, hija għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien biex il-Parti Kontraenti kkonċernata tieħu l-miżuri neċessarji sabiex twaqqaf il-ksur. F'każ li l-Parti Kontraenti kkonċernata ma tiħux il-miżuri neċessarji biex twaqqaf il-ksur fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Bord, l-użu tal-kompartimenti tal-Partijiet Kontraenti kollha kif stipulat fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) għandu jiġi eskluż fir-rigward tar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet awtorizzati fil-Parti Kontraenti kkonċernata. Dik l-esklużjoni għandha tieqaf tapplika mill-mument li l-Bord jiddetermina li l-Parti Kontraenti kkonċernata tkun ħadet il-miżuri neċessarji biex twaqqaf il-ksur.

3. Id-deċiżjonijiet tal-Bord taħt dan l-Artikolu għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi mill-President u l-membri msemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament MUR.

VERŻJONI ELETTRONIKA

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

ARTIKOLU 11
Ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni u dħul fis-seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jkun soġġett għar-ratifika, l-approvazzjoni jew l-aċċettazzjoni mill-firmatarji tiegħu skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ("id-Depożitarju"). Id-Depożitarju għandu jinnotifika lill-firmatarji l-oħrajn b'kull depożitu u d-data tiegħu.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data meta l-istrumenti ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni jkunu ġew depożitati mill-firmatarji parteċipanti fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni li jirrappreżentaw mhux inqas minn 90% tal-aggregat tal-voti ppeżati tal-Istati Membri kollha parteċipanti fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, kif determinat mill-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji anness mat-TUE u t-TFUE.

ARTIKOLU 12
Applikazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu japplika fost il-Partijiet Kontraenti li jkunu ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni dment li r-Regolament MUR ikun daħal fis-seħħ.

2. Soġġett għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u bil-kondizzjoni li dan il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ skont l-Artikolu 11(2), huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016 fost il-Partijiet Kontraenti parteċipanti fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni li jkunu ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni sa dik id-data. Jekk dan il-Ftehim ma jkunx daħal fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2016, huwa għandu jibda japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, fost il-Partijiet Kontraenti parteċipanti fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni li jkunu ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni sa dik id-data.

3. Dan il-Ftehim għandu japplika għall-Partijiet Kontraenti parteċipanti fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni li ma jkunux iddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni sad-data tal-applikazzjoni taħt il-paragrafu 2, mill-ewwel jum tax-xahar wara d-depożitu tal-istrument ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni rispettiv tagħhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

4. Dan il-Ftehim ma għandux japplika għall-Partijiet Kontraenti li jkunu ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni iżda li ma jipparteċipawx fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni sad-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Madankollu, dawk il-Partijiet Kontraenti għandhom ikunu parti mill-ftehim speċjali msemmi fl-Artikolu 14(2) sa mid-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għall-finijiet tal-preżentazzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' kwalunkwe tilwima dwar l-interpretazzjoni u l-infurzar tal-Artikolu 15.

Huwa għandu japplika għall-Partijiet Kontraenti msemmija fl-ewwel subparagrafu mid-data li fiha ssir effettiva d-deċiżjoni li tabroga d-deroga tagħhom, kif definit fl-Artikolu 139(1) TFUE jew l-eżenzjoni tagħhom, kif imsemmi fil-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-Danimarka, jew fin-nuqqas ta' dan, mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-BĊE dwar kooperazzjoni mill-qrib imsemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

Soġġett għall-Artikolu 8 tiegħu, dan il-Ftehim għandu jieqaf japplika għall-Partijiet Kontraenti li jkunu stabbilixxew il-kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE imsemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 mid-data tat-tmiem ta' dik il-kooperazzjoni mill-qrib f'konformità mal-Artikolu 7(8) ta' dak ir-Regolament.

ARTIKOLU 13
Adeżjoni

Dan il-Ftehim għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni minn Stati Membri li mhumiex il-Partijiet Kontraenti. Soġġett għall-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 8 l-adeżjoni għandha tkun effettiva hekk kif jiġi depożitat l-istrument ta' adeżjoni mad-Depożitarju, li għandu jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti l-oħra dwar dan. Wara l-awtentikazzjoni mill-Partijiet Kontraenti, it-test ta' dan il-Ftehim bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru aderenti li hija wkoll lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, għandu jiġi depożitat fl-arkivji tad-Depożitarju bħala test awtentiku ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 14
Riżoluzzjoni ta' tilwim

1. Meta Parti Kontraenti ma taqbilx ma' Parti Kontraenti oħra dwar l-interpretazzjoni ta' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew meta hija tqis li Parti Kontraenti oħra tkun naqset milli tikkonforma mal-obbligi tagħha taħt dan il-Ftehim, din tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun vinkolanti fuq il-partijiet fil-proċedimenti.

Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssib li Parti Kontraenti tkun naqset milli tikkonforma mal-obbligi tagħha taħt dan il-Ftehim, il-Parti Kontraenti kkonċernata

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tikkonforma mas-sentenza f'perjodu li għandu jiġi deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja. F'każ li l-Parti Kontraenti kkonċernata ma tiħux il-miżuri neċessarji biex twaqqaf il-ksur fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-użu tal-kompartimenti tal-Partijiet Kontraenti kollha kif stipulat fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) għandu jiġi eskluż fir-rigward tal-istituzzjonijiet awtorizzati fil-Parti Kontraenti kkonċernata.

2. Dan l-Artikolu jikkostitwixxi ftehim speċjali bejn il-Partijiet Kontraenti fit-tifsira tal-Artikolu 273 TFUE.

3. L-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro li ma rratifikawx dan il-Ftehim jistgħu jinnotifikaw lid-Depożitarju bl-intenzjoni tagħhom li jkunu parti mill-ftehim speċjali msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għall-finijiet li jippreżentaw lill-Qorti tal-Ġustizzja kwalunkwe tilwima dwar l-interpretazzjoni u l-infurzar tal-Artikolu 15. Id-Depożitarju għandu jikkomunika n-notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Partijiet Kontraenti, u meta jsir hekk l-Istat Membru kkonċernat għandu jsir parti mill-ftehim speċjali msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għall-finijiet deskritti f'dan il-paragrafu.

ARTIKOLU 15
Kumpens

1. Il-Partijiet Kontraenti jintrabtu li jirrimborżaw b'mod konġunt, fil-pront u bl-imgħax lil kull Stat Membru li ma jipparteċipax fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni ("Stat Membru mhux parteċipanti") għall-ammont li dak l-Istat Membru mhux parteċipanti jkun ħallas f'riżorsi proprji li jikkorrispondi għall-użu tal-bażit ġenerali tal-Unjoni f'każijiet ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali u spejjeż relatati magħha, fir-rigward tal-eżerċizzju tas-setgħat mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni taħt ir-Regolament MUR.

2. L-ammont li kull wieħed mill-Istat Membri mhux parteċipanti huwa meqjus li kkontribwixxa għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali u spejjeż relatati magħha, għandu jiġi determinat *pro rata* abbażi tad-dħul nazzjonali gross rispettiv tagħhom determinat f'konformità mal-Artikolu 2(7) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom********** tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej jew ma' kwalunkwe att sussegwenti tal-Unjoni li jemendaha jew jirrevokaha.

3. L-ispejjeż tal-kumpens għandhom jitqassmu fost il-Partijiet Kontraenti *pro rata* abbażi tad-daqs tad-dħul nazzjonali gross rispettiv tagħhom, kif determinat f'konformità mal-Artikolu 2(7) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom jew ma' kwalunkwe att sussegwenti tal-Unjoni li jemendaha jew jirrevokaha.

********** Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17).

VERŻJONI ELETTRONIKA

4. L-Istati Membri mhux parteċipanti għandhom jiġu rifużi fid-dati tal-entrati fil-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000********** jew fi kwalunkwe att tal-Unjoni segwenti li jemendah jew iħassru, bl-ammonti li jikkorrispondu għall-ħlasijiet mill-baġit tal-Unjoni biex jitħallsu l-ispejjeż u r-responsabbiltà mhux kuntrattwali relatati għalihom wara l-adozzjoni tal-baġit emendatorju assoċjat.

Kwalunkwe mgħax għandu jiġi kkalkulat f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-imgħax għal ammonti li jsiru disponibbli tard applikabbli għar-riżorsi proprji tal-Unjoni. L-ammonti għandhom jiġu kkonvertiti mill-munita nazzjonali għall-euro skont rata ta' kambju determinata f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 jew ma' kwalunkwe att tal-Unjoni segwenti li jemendah jew iħassru.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina kwalunkwe azzjoni ta' rifużjoni mill-Partijiet Kontraenti, f'konformità mal-kriterji stipulati taħt il-paragrafi 1 sa 3. Ir-rwol tal-Kummissjoni bħala koordinatriċi għandu jinkludi l-kalkolu tal-bażi li fuqha jsiru l-pagamenti, il-ħruġ ta' avviżi lill-Partijiet Kontraenti li jeħtieġu pagamenti u l-kalkolu tal-imgħax.

ARTIKOLU 16
Rieżami

1. F'perjodu massimu ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u kull 18-il xahar minn dakinhar 'il quddiem, il-Bord għandu jwettaq valutazzjoni u jippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u b'mod partikolari dwar il-funzjonament korrett tal-użu reċiproku tal-Fond u l-impatt tiegħu fuq l-istabbiltà finanzjarja u s-suq intern.

2. Fi żmien massimu ta' għaxar snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, abbażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza fl-implimentazzjoni tiegħu li tinsab fir-rapporti mfassla mill-Bord f'konformità mal-paragrafu 1, għandhom jittieħdu l-passi neċessarji, f'konformità mat-TUE u t-TFUE, bil-għan li s-sustanza ta' dan il-Ftehim tiġi inkorporata fil-qafas legali tal-Unjoni.

Magħmul fi Brussell fil-21 ta' Mejju 2014, f'oriġinal uniku, li t-testi bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bl-Irlandiż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Isvediż tiegħu huma ugwalment awtentiċi, li għandu jiġi depożitat fl-arkivji tad-Depożitarju li għandu jittrasmetti kopja debitament iċċertifikata lil kull waħda mill-Partijiet Kontraenti.

********** Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1), inkluża kwalunkwe emenda sussegwenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

A 1384

DIKJARAZZJONIJIET TA' INTENZJONI MILL-PARTIJIET KONTRAENTI U L-OSSERVATURI TAL-KONFERENZA INTERGOVERNATTIVA LI HUMA MEMBRI TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA LI GĦANDHA TIĠI DEPOŻITATA MAL-FTEHIM:

Dikjarazzjoni Nru 1:

Filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-proċeduri u r-rekwiżiti tat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea, il-Partijiet Kontraenti u l-osservaturi tal-Konferenza intergovernattiva li huma membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jinnotaw li huwa l-objettiv tagħhom u l-intenzjoni tagħhom li, sakemm ma jaqblux kollha mod ieħor:

(a) Artikolu 4(3) tar-Regolament MUR, kif ikun fid-data tal-adozzjoni inizjali tiegħu, ma jiġix revokat jew emendat;

(b) il-prinċipji u r-regoli relatati mal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna ma jiġux revokati jew emendati b'mod li mhuwiex ekwivalenti u ma jwassalx għal, tal-anqas, l-istess riżultat mhux anqas rigoruż li joħroġ mir-Regolament MUR kif ikun fid-data tal-adozzjoni inizjali tiegħu.

Dikjarazzjoni Nru 2:

Il-firmatarji għall-Ftehim Intergovernattiv dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni jiddikjaraw li ser jaħdmu bla heda biex ilestu l-proċess ta' ratifika tiegħu f'konformità mar-rekwiżiti legali nazzjonali rispettivi fiż-żmien debitu sabiex il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni jkun qed jopera għalkollox sal-1 ta' Jannar 2016.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 329 tal-20 ta' Novembru, 2015.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati